32005L0076

L 293/14 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 9.11.2005

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2005/76/KE

## tat-8 ta' Novembru 2005

## li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 90/642/KEE u 86/362/KEE rigward il-livelli massimi ta' residwu tal-kresoxim-methyl, il-cyromazine, il-bifenthrin, il-metalaxyl u l-azoxystrobin iffissati fihom

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għal residwi tal-pestiċidi u fuq ċerti prodotti oriġinarji mill-pjanti, inkluż il-frott u l-ħaxix ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju ta' l-1991 li tikkonċerna t-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([3]), u partikolarment l-Artikolu 4(1)(f) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 91/414/KEE, l-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għal użu fuq uċuħ tar-raba' speċifiċi huma r-responsabbiltà ta' l-Istati Membri. It-tali awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-evalwazzjoni ta' l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali u ta' l-influwenza fuq l-ambjent. L-elementi li għandhom jitqiesu fit-tali evalwazzjonijiet jinkludu l-esponiment ta' l-operaturi u ta' persuni oħra fil-qrib u l-impatt fuq l-ambjenti terrestri, akkwatiċi u arjali, kif ukoll l-impatt fuq il-bnedmin u l-annimali permezza tal-konsum tar-residwi fuq uċuħ tar-raba' trattati.

(2) Il-livelli masimi ta' residwu (MRLs - maximum residue levels) jirriflettu l-użu ta kwantitajiet minimi ta' pestiċidi sabiex tinkiseb il-protezzjoni effettiva tal-pjanti, applikati b'tali mod li l-ammont tar-residwu jkun l-aktar ċkejken prattikabbli u tossikament aċċettabbli, b'mod partikolari f'dik li hija stima tal-konsum djetetiku.

(3) L-MRLs għall-pestiċidi għandhom jinżammu taħt analiżi. Dawn jistgħu jitbiddlu b'kunsiderazzjoni ta' użi, informazzjoni u data ġodda.

(4) L-MRLs jiġu ffissati fl-aktar limitu baxx tad-determinazzjoni analitika fejn l-użi awtorizzati tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma jirriżultawx f'livelli osservabbli ta' residwi ta' pestiċidi fi jew fuq il-prodott alimentari, jew fejn m'hemm l-ebda użi awtorizzati, jew fejn l-użi li jkunu ġew awtorizzati mill-Istati Membri ma jkunux ġew sostnuti bid-data meħtieġa, jew fejn użi minn pajjiżi terzi li jirriżultaw f'residwi fi jew fuq prodotti alimentari li għandhom imnejn jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni fis-suq Komunitarju ma jkunux ġew sostnuti bit-tali data meħtieġa.

(5) L-informazzjoni dwar l-użi ġodda jew mibdula ta' ċerti pestiċidi koperti mid-Direttiva 90/642/KEE u d-Direttiva 86/362/KEE ġiet innotifikata lill-Kummissjoni. Din tikkonċerna l-*kresoxim-methyl*, il-*cyromazine*, il-*bifenthrin*, il-*metalaxyl* u l-*azoxystrobin*.

(6) L-esponiment tul il-ħajja tal-komsumaturi għal dawn il-pestiċidi permezz ta' prodotti alimentari li jista' jkun fihom ir-residwi ta' dawn il-pestiċidi, ġie assessjat u evalwat skond il-proċeduri u l-prassi użati fi ħdan il-Komunità, b'kunsiderazzjoni tal-linjigwida maħruġa mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ([4]). Ġie kkalkulat li l-MRLs ikkonċernati ser jiżguraw li l-konsum kwotidjan aċċettabbli ma jinqabiżx.

(7) Evalwazzjoni ta' l-informazzjoni disponibbli wriet li mhu meħtieġ l-ebda ARfD u għaldaqstant mhux meħtieġa evalwazzjoni fuq medda ta' żmien qasir.

(8) Għalhekk jixraq li jiġu ffissati livelli massimi ġodda għar-residwi ta' dawk il-pestiċidi.

(9) L-iffissar jew l-immoddifikar ta' MRLs proviżorji fil-livell Komunitarju ma jżommx lill-Istati Membri milli jistabbilixxu MRLs proviżorji għall-*metalaxyl* skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE u l-Anness VI għaliha. Perjodu ta' erba' snin jitqies bħala biżżejjed sabiex jippermetti aktar użi tal-*metalaxyl* jew il-*metalaxyl-M*. L-MRL proviżorju Komunitarju għandu mbagħad isir definittiv.

([1]) ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 37. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/48/KE (ĠU L 219, ta' l-24.8.2005, p. 29).

([2]) ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, p. 71. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/115/KE (ĠU L 374, tat-22.12.2004, p. 64).

([3]) ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/34/KE (ĠU L 125, tat-18.5.2005, p. 5).

([4]) Il-linjigwida sabiex jiġi mbassar id-dħul mill-ikel ta' residwi ta' pestiċidi (riveduti), ppreparati minn GEMS/Programm ta' l-Ikel f' kollaborazzjoni mal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi minn Pestiċidi, ppubblikati mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa 1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).

(10) Id-Direttivi 90/642/KEE u 86/362/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Il-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/362/KEE hija emendata skond l-Anness I għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

Il-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 90/642/KEE hija emendata skond l-Anness II għal din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mid-9 ta' Mejju 2006, il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom, mingħajr ebda telf ta' żmien, jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella li turi l-korrelazzjoni ta' bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-10 ta' Mejju 2006.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu mehmuża ma' din ir-referenza dakinhar li jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-8 ta' Novembru 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

Il-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/362/KEE hija emendata kif ġej, il-linja għall-*metalaxyl* tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

| Residwu tal-pestiċida | Livell massimu f'mg/kg |
|---|---|
| "*Metalaxyl* li jinkludi taħlitiet oħra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu l-*metalaxyl-M* (it-total ta' l-iżomeri) | (0,05) (*) (p)<br>ċereali |

(*) Tindika l-inqas livell ta' determinazzjoni analitika

(p) Tindika li l-livell ta' residwu massimu jkun ġie stabbilit proviżorjament skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE."

*ANNESS II*

Fil-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 90/642/KEE, il-linji għall-*kresoxim methyl*, il-*cyromazine*, il-*bifenthrin*, il-*metalaxyl* u l-*azoxystrobin* jiġu ssostitwiti b'dan li ġej:

| Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jkunu japplikaw għalihom l-MRLs | | Il-*kresoxim-methyl* | Il-*cyromazine* | Il-*bifenthrin* | *Metalaxyl* li jinkludi taħlitiet oħra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu l-*metalaxyl-M* (it-total ta' l-iżomeri) | L-*azoxystrobin* |
| "1. | **Frott, frisk, imnixxef jew nej, ippriservat fil-friża, mingħajr zokkor miżjud; ġwież (nuts)** | | | | | |
| (i) | FROTT TAĊ-ĊITRU | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,1 | 0,5 (p) | 1 |
| | Grejpfrut | | | | | |
| | Lumi | | | | | |
| | Lajm | | | | | |
| | Mandolin (inklużi l-klementini u ibridi oħra) | | | | | |
| | Larinġ | | | | | |
| | Pomelos | | | | | |
| | Oħrajn | | | | | |
| (ii) | ĠWIEŻ TAS-SIĠAR (*TREE NUTS*) (bil-qoxra jew mingħajrha) | 0,1 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) (p) | 0,1 (*) |
| | Lewż | | | | | |
| | Lewż tal-Brażil | | | | | |
| | Kexjus jew ġwież ta' l-anakardju | | | | | |
| | Qastan | | | | | |
| | Kowkonatts jew ġwież ta' l-Indi | | | | | |
| | Ġellewż | | | | | |
| | Makadamja | | | | | |
| | Ġwież tal-Pekan | | | | | |
| | Ġwież ta' l-arznu (*pine nuts*) | | | | | |
| | Pistaċċi | | | | | |
| | Ġewż | | | | | |
| | Oħrajn | | | | | |
| (iii) | FROTT TAŻ-ŻERRIEGĦA (*POME FRUIT*) | 0,2 | 0,05 (*) | 0,3 | 1 (p) | 0,05 (*) |
| | Tuffieħ | | | | | |
| | Lanġas | | | | | |
| | Sfarġel | | | | | |
| | Oħrajn | | | | | |
| (iv) | FROTT TA' L-GĦADMA | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,2 | 0,05 (*) (p) | 0,05 (*) |
| | Berquq | | | | | |
| | Ċirasa | | | | | |
| | Ħawħ (inklużi n-nettarini u ibridi simili) | | | | | |

| Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jkunu japplikaw għalihom l-MRLs | Il-*kresoxim-methyl* | Il-*cyromazine* | Il-*bifenthrin* | *Metalaxyl* li jinkludi tahlitiet oħra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu l-*metalaxyl-M* (it-total ta' l-iżomeri) | L-*azoxystrobin* |
| Għanbaqar | | | | | |
| Oħrajn | | | | | |
| (v) FROTT TAL-BOSK (*BERRIES*) U FROTT ŻGĦIR IEĦOR | | 0,05 (*) | | | |
| (a) Għeneb ta' l-ikel u għall-inbid | 1 | | 0,2 | | 2 |
| Għeneb ta' l-ikel | | | | 2 (p) | |
| Għeneb għall-inbid | | | | 1 (p) | |
| (b) Frawli (għajr dawk selvaġġi) | 1 | | 0,5 | 0,5 (p) | 2 |
| (c) Frott taz-zokk (għajr dak selvaġġ) | 0,05 (*) | | | 0,05 (*) (p) | |
| Tut | | | 0,3 | | 3 |
| Dewberries | | | | | |
| Loganberries | | | | | |
| Lampun | | | 0,3 | | 3 |
| Oħrajn | | | 0,05 (*) | | 0,05 (*) |
| (d) Frott żgħir ieħor u *berries* (għajr dawk selvaġġi) | | | | 0,05 (*) (p) | 0,05 (*) |
| Mirtill | | | | | |
| Cranberries | | | | | |
| Passolina (ħamra, sewda jew bajda) | 1 | | 0,5 | | |
| Ribes | 1 | | | | |
| Oħrajn | 0,05 (*) | | 0,05 (*) | | |
| (e) *Berries* selvaġġi u frott selvaġġ | 0,05 (*) | | 0,05 (*) | 0,05 (*) (p) | 0,05 (*) |
| (vi) MIXXELANJI | | 0,05 (*) | | 0,05 (*) (p) | |
| Avokado | | | | | |
| Banana | | | 0,1 | | 2 |
| Tamar | | | | | |
| Tin | | | | | |
| Kiwi | | | | | |
| Kumquats | | | | | |
| Litchis | | | | | |
| Mangu | | | | | 0,2 |
| Żebbuġ | 0,2 | | | | |
| Papaja | | | | | 0,2 |
| Frott tal-passjoni | | | | | |
| Ananas (pajnepil) | | | | | |

| Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jkunu japplikaw għalihom l-MRLs | Il-*kresoxim-methyl* | Il-*cyromazine* | Il-*bifenthrin* | *Metalaxyl* li jinkludi taħlitiet oħra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu l-*metalaxyl-M* (it-total ta' l-iżomeri) | L-*azoxystrobin* |
| Rummien | | | | | |
| Oħrajn | 0,05 (*) | | 0,05 (*) | | 0,05 (*) |
| 2. **Ħxejjex, friski jew nejjin, ifffriżati jew nexfin** | | | | | |
| (i) ĦXEJJEX MILL-GĦERUQ U TUBERI | 0,05 (*) | | 0,05 (*) | | |
| Pitravi | | | | | |
| Karrotti (zunnarija) | | <u>1</u> | | <u>0,1</u> (P) | 0,2 |
| Kassava | | | | | |
| Karfus | | | | | 0,3 |
| Għerq il-mustarda | | | | <u>0,1</u> (P) | 0,2 |
| Artiċokks | | | | | |
| Zunnarija bajda | | | | 0,1 (P) | 0,2 |
| Għerq it-tursin | | | | | 0,2 |
| Ravanell | | | | <u>0,1</u> (P) | 0,2 |
| Sassefrika | | | | | 0,2 |
| Patata ħelwa | | | | | |
| Rutabaga | | | | | |
| Turnip | | | | | |
| Jamm | | | | | |
| Oħrajn | | <u>0,05</u> (*) | | 0,05 (*) (P) | 0,05 (*) |
| (ii) ĦXEJJEX TAL-BASLA | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | | |
| Tewm | | | | 0,5 (P) | |
| Basal | | | | 0,5 (P) | |
| Shallots | | | | 0,5 (P) | |
| Basal tar-rebbiegħa | | | | 0,2 (P) | 2 |
| Oħrajn | | | | 0,05 (*) (P) | 0,05 (*) |
| (iii) ĦXEJJEX TAL-FROTT | | | | | |
| (a) Solanacea | | <u>1</u> | 0,2 | | 2 |
| Tadam | 0,5 | | | 0,2 (P) | |
| Bżar | 1 | | | 0,5 (P) | |
| Brunġiel | 0,5 | | | | |
| Oħrajn | 0,05 (*) | | | 0,05 (*) (P) | |
| (b) *Cucurbits* – b'qoxra li tittiekel | 0,05 (*) | 1 | 0,1 | | 1 |
| Ħjar | | | | 0,5 (P) | |
| Gherkins | | | | | |
| Zukkini | | | | | |

| Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jkunu japplikaw għalihom l-MRLs | Il-*kresoxim-methyl* | Il-*cyromazine* | Il-*bifenthrin* | *Metalaxyl* li jinkludi taħlitiet oħra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu l-*metalaxyl-M* (it-total ta' l-iżomeri) | L-*azoxystrobin* |
| Oħrajn | | | | 0,05 (*) (P) | |
| (c) *Cucurbits* – b'qoxra li ma tittekilx | 0,2 | | 0,05 (*) | | 0,5 |
| Bettiegħ | | 0,3 | | 0,2 (P) | |
| Squashes | | | | | |
| Dulliegħ | | 0,3 | | 0,2 (P) | |
| Oħrajn | | 0,05 (*) | | 0,05 (*) (P) | |
| (d) Qamħirrum ħelu | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) (P) | 0,05 (*) |
| (iv) ĦXEJJEX TAL-ĠENUS *BRASSICA* | 0,05 (*) | 0,05 (*) | | | |
| (a) *Brassica* li twarrad | | | 0,2 | 0,1 (P) | 0,5 |
| Brokkoli (inklużi l-Kalabriżi) | | | | | |
| Pastard | | | | | |
| Oħrajn | | | | | |
| (b) *Brassica* bir-ras | | | 1 | | 0,3 |
| Brussels sprouts | | | | | |
| Kaboċċi | | | | 1 (P) | |
| Oħrajn | | | | 0,05 (*) (P) | |
| (c) Brassica bil-weraq | | | 0,05 (*) | | 5 |
| Kaboċċi Ċiniżi | | | | | |
| Kale | | | | 0,2 (P) | |
| Oħrajn | | | | 0,05 (*) (P) | |
| (d) Ġdur | | | 0,05 (*) | 0,05 (*) (P) | 0,2 |
| (v) ĦXEJJEX TAL-WERAQ U ĦWAWAR FRISKI | 0,05 (*) | | | | |
| (a) Ħass u ħżejjex simili | | 15 | 2 | | 3 |
| Krexxuni | | | | | |
| Valerjanella | | | | | |
| Ħass | | | | 2 (P) | |
| *Scarole* (indivja tal-werqa wiesgħa) | | | | 1 (P) | |
| Oħrajn | | | | 0,05 (*) (P) | |
| (b) Spinaċi u ħxejjex simili | | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) (P) | 0,05 (*) |
| Spinaċi | | | | | |
| Weraq tal-pitravi (*chard*) | | | | | |
| Oħrajn | | | | | |
| (c) Krexxuni ta' l-ilma | | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) (P) | 0,05 (*) |
| (d) Witloof | | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,3 (P) | 0,2 |

| Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jkunu japplikaw għalihom l-MRLs | Il-*kresoxim-methyl* | Il-*cyromazine* | Il-*bifenthrin* | *Metalaxyl* li jinkludi taħlitiet oħra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu l-*metalaxyl-M* (it-total ta' l-iżomeri) | L-*azoxystrobin* |
| (e) Ħwawar | | 15 | 0,05 (*) | 1 (p) | 3 |
| Maxxita/Sorfolja | | | | | |
| Kurrat selvaġġ | | | | | |
| Tursin | | | | | |
| Weraq tal-karfus | | | | | |
| Oħrajn | | | | | |
| (vi) LEGUMI (friski) | 0,05 (*) | | | 0,05 (*) (p) | |
| Fażola (bil-miżwed) | | 5 | 0,5 | | 1 |
| Fażola (bla miżwed) | | | | | 0,2 |
| Piżelli (bil-miżwed) | | 5 | 0,1 | | 0,5 |
| Piżelli (bla miżwed) | | | | | 0,2 |
| Oħrajn | | 0,05 (*) | 0,05 (*) | | 0,05 (*) |
| (vii) ĦXEJJEX BIZ-ZOKK (friski) | | | 0,05 (*) | | |
| Asparagu: | | | | | |
| Kardun | | | | | |
| Karfus | | 2 | | | 5 |
| Bużbież | | | | | |
| Qaqoċċ | | 2 | | | 1 |
| Kurrat | 5 | | | 0,2 (p) | 0,1 |
| Rubarbru | | | | | |
| Oħrajn | 0,05 (*) | 0,05 (*) | | 0,05 (*) (p) | 0,05 (*) |
| (viii) FAQQIEGĦ | 0,05 (*) | | 0,05 (*) | 0,05 (*) (p) | 0,05 (*) |
| (a) Faqqiegħ ikkultivat | | 5 | | | |
| (b) Faqqiegħ selvaġġ | | 0,05 (*) | | | |
| 3. **ŻRIERAGĦ TAL-LEGUMI MNIXXFA** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) (p) | 0,1 |
| Fażola | | | | | |
| Għazz | | | | | |
| Piżelli | | | | | |
| Oħrajn | | | | | |
| 4. **Żiragħ taż-żerriegħa** | 0,1 (*) | 0,05 (*) | 0,1 (*) | 0,1 (*) (p) | |
| Żejt tal-kittien | | | | | |
| Karawett | | | | | |
| Żerriegħet il-peprina | | | | | |
| Żerriegħet il-ġunġlien | | | | | |
| Żerriegħet il-ġirasol | | | | | |

| Ir-residwu tal-pestiċidi u l-livell ta' residwu massimu (mg/kg) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li jkunu japplikaw għalihom l-MRLs | Il-*kresoxim-methyl* | Il-*cyromazine* | Il-*bifenthrin* | *Metalaxyl* li jinkludi taħlitiet oħra ta' iżomeri kostitwenti li jinkludu l-*metalaxyl-M* (it-total ta' l-iżomeri) | L-*azoxystrobin* |
| Żerriegħet il-lift | | | | | 0,5 |
| Żerriegħet is-sojja | | | | | 0,5 |
| Żerriegħet il-mustarda | | | | | |
| Żerriegħet il-qoton | | | | | |
| Oħrajn | | | | | 0,05 (*) |
| 5. **Patata** | 0,05 (*) | 1 | 0,05 (*) | 0,05 (*) (p) | 0,05 (*) |
| Patata bikrija | | | | | |
| Patata għall-ikel | | | | | |
| 6. **Tè (weraq u zkuk imnixxfa, iffermentat jew mhux, *Camellia sinensis*)** | 0,1 (*) | 0,05 (*) | 5 | 0,1 (*) (p) | 0,1 (*) |
| 7. **Hops (imnixxfa), inklużi pellets tal-ħobs u trab mhux ikkonċentrat** | 0,1 (*) | 0,05 (*) | 10 | 10 (p) | 20 |

(*) Tindika l-inqas livell ta' determinazzjoni analitika

(p) Tindika li l-livell ta' residwu massimu jkun ġie stabbilit proviżorjament skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE."